**Emenda 19**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | – ***wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1 ta' Awwissu 1975 u d-dokumenti sussegwenti tiegħu u l-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida tad-19-21 ta' Novembru 1990,*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

9.2.2022 A9-0354/20

**Emenda 20**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar id-direzzjoni tar-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE[1] u r-Russja u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera tal-Ukrajna u fit-territorji tal-Ukrajna okkupati mir-Russja[2],*** |
| | [1] ***Testi adottati, P9_TA(2021)0383.*** |
| | [2] ***Testi adottati, P9_TA(2021)0515.*** |

Or. en

9.2.2022 A9-0354/21

**Emenda 21**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tal-10 ta' Lulju 2016 u tat-8 ta' Lulju 2018,*** |

Or. en

9.2.2022 A9-0354/22

**Emenda 22**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-iżviluppi internazzjonali u l-isfidi multidimensjonali ta' dan l-aħħar u ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr ħaffew it-tendenzi eżistenti li jolqtu lill-aspetti fundamentali tal-PESK tal-UE, kixfu l-vulnerabbiltà tal-UE għal avvenimenti u pressjonijiet esterni, enfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar b'saħħitha, ***aktar ambizzjuża,*** kredibbli, strateġika u unifikata tal-UE fix-xena dinjija, ***u aċċentwaw il-ħtieġa li l-UE tkun tista' tistabbilixxi b'mod awtonomu l-objettivi strateġiċi tagħha u tiżviluppa l-kapaċitajiet biex dawn jiġu segwiti***; | B. billi l-iżviluppi internazzjonali u l-isfidi multidimensjonali ta' dan l-aħħar u ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr ħaffew it-tendenzi eżistenti li jolqtu lill-aspetti fundamentali tal-PESK tal-UE, kixfu l-vulnerabbiltà tal-UE għal avvenimenti u pressjonijiet esterni, enfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar b'saħħitha, kredibbli, strateġika u unifikata tal-UE fix-xena dinjija, ***kif ukoll issottolinjaw għal darba oħra il-ħtieġa għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni transatlantika u bejn l-UE u n-NATO***; |

Or. en

**Emenda 23**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***C.*** billi dawn l-iżviluppi u l-isfidi jinkludu l-pandemija bla preċedent tal-COVID-19 li oriġinat f'Wuhan, fiċ-Ċina, u l-konsegwenzi tagħha; ir-rwol f'evoluzzjoni tal-Istati Uniti fix-xena globali, l-attakki ibridi kontra l-Istati Membri tal-UE, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, immirati biex iqiegħdu f'dubju l-pedamenti demokratiċi tagħna; il-ksur kontinwu tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Belarussja; l-assertività dejjem akbar tal-Partit Komunista Ċiniż u ta' reġimi awtoritarji u totalitarji oħrajn; il-kollass rapidu reċenti tal-istrutturi statali tal-Afganistan u t-teħid sussegwenti tal-kontroll tal-pajjiż min-naħa tat-Talibani; it-tensjonijiet fir-reġjun Indo-Paċifiku, speċjalment fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina kif ukoll fl-Istrett ta' Tajwan; il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva; it-tqegħid f'dubju tal-ftehimiet dwar il-kontroll tal-armi; it-tibdil fil-klima; il-kriminalità finanzjarja; l-aggravar ta' kunflitti reġjonali li ġġeneraw spostament tal-popolazzjoni; il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali; l-iskarsezza tal-enerġija u tal-ilma; l-Istati "falluti"; it-terroriżmu; il-kriminalità transnazzjonali organizzata; l-attakki ċibernetiċi u l-kampanji ta' diżinformazzjoni; | C. billi dawn l-iżviluppi u l-isfidi jinkludu l-pandemija bla preċedent tal-COVID-19 li oriġinat f'Wuhan, fiċ-Ċina, u l-konsegwenzi tagħha; ir-rwol f'evoluzzjoni tal-Istati Uniti fix-xena globali***, l-isforzi tar-Russja biex iżżarma l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea u l-attakki kontinwi tagħha fuq l-Ukrajna u l-okkupazzjoni ta' territorji fil-Georgia u fl-Ukrajna***, l-attakki ibridi kontra l-Istati Membri tal-UE, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, immirati biex iqiegħdu f'dubju l-pedamenti demokratiċi tagħna; il-ksur kontinwu tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Belarussja; l-assertività dejjem akbar tal-Partit Komunista Ċiniż u ta' reġimi awtoritarji u totalitarji oħrajn; il-kollass rapidu reċenti tal-istrutturi statali tal-Afganistan u t-teħid sussegwenti tal-kontroll tal-pajjiż min-naħa tat-Talibani; it-tensjonijiet fir-reġjun Indo-Paċifiku, speċjalment fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina kif ukoll fl-Istrett ta' Tajwan; il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva; it-tqegħid f'dubju tal-ftehimiet dwar il-kontroll tal-armi; it-tibdil fil-klima; il-kriminalità finanzjarja; l-aggravar ta' kunflitti reġjonali li ġġeneraw spostament tal-popolazzjoni; il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali; l-iskarsezza tal-enerġija u tal-ilma; l-Istati "falluti"; it-terroriżmu; il-kriminalità transnazzjonali organizzata; l- |


Magħquda fid-diversità

attakki ċibernetiċi u l-kampanji ta' diżinformazzjoni;

Or. en

**Emenda 24**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi d-dinja daħlet f'era ġdida ta' "nonpaċi", żmien ta' inċertezza ġeopolitika dejjem akbar ikkaratterizzata mill-multiplikazzjoni tal-kunflitti reġjonali u mill-kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar fil-qasam tal-enerġija b'riperkussjonijiet sinifikanti fuq is-sigurtà ***tal-UE***; | E. billi d-dinja daħlet f'era ġdida ta' "nonpaċi", żmien ta' inċertezza ġeopolitika dejjem akbar ikkaratterizzata mill-multiplikazzjoni tal-kunflitti reġjonali u mill-kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar fil-qasam tal-enerġija b'riperkussjonijiet sinifikanti fuq is-sigurtà ***tal-Ewropa***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

9.2.2022 A9-0354/25

**Emenda 25**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-iskjerament militari kontinwu tal-forzi militari Russi tul il-fruntiera tal-Ukrajna u fit-territorji okkupati illegalment tagħha, kif ukoll fil-Belarussja u fid-Distrett ta' Kaliningrad jikkostitwixxi theddida kredibbli u serja għas-sigurtà tal-Ukrajna u tal-Ewropa; billi kwalunkwe azzjoni militari u attakk ibridu ulterjuri mill-Federazzjoni Russa għandhom iwasslu għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji severi f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti, in-NATO u sħab oħra;*** |

Or. en

9.2.2022 A9-0354/26

**Emenda 26**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ***r-riperkussjonijiet negattivi*** tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà tal-UE qed isiru dejjem aktar ċari; | F. billi ***l-konsegwenzi tal-impatt negattiv*** tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà tal-UE qed isiru dejjem aktar ċari; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

9.2.2022 A9-0354/27

**Emenda 27**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi ***maġġoranza wiesgħa taċ-ċittadini*** tal-UE u l-kummenti li waslu sa issa fuq il-pjattaforma diġitali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jappoġġaw rwol aktar b'saħħtu tal-UE u approċċ Ewropew komuni fi kwistjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà, u jixtiequ jaraw politika estera u ta' sigurtà tal-UE aktar koerenti u effikaċi; | I. billi ***ċ-ċittadini*** tal-UE u l-kummenti li waslu sa issa fuq il-pjattaforma diġitali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jappoġġaw rwol aktar b'saħħtu tal-UE u approċċ Ewropew komuni fi kwistjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà***, li jirriflettu l-pożizzjonijiet konsenswali tal-Istati Membri***, u jixtiequ jaraw politika estera u ta' sigurtà tal-UE aktar koerenti u effikaċi; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 28**
**Anna Fotyga, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0354/2021**
**David McAllister**
Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li sabiex tilħaq l-objettiv strateġiku li tiżviluppa r-rwol ta' tmexxija globali tagħha, l-UE għandha ssawwar il-PESK tagħha abbażi ***tal-ħames*** azzjonijiet li ġejjin: | 1. Jenfasizza li sabiex tilħaq l-objettiv strateġiku li tiżviluppa r-rwol ta' tmexxija globali tagħha, l-UE għandha ssawwar il-PESK tagħha abbażi ***tas-sitt*** azzjonijiet li ġejjin: |

Or. en


Magħquda fid-diversità